VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,999, 7 ta' Diċembru, 2012
Taqsima B

A.L. 430 tal-2012

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Università (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 126(2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni, il-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, flimkien mal-Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Università (Emenda Nru. 2), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Università, hawn iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 327.177

Jemenda r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "ma Universitajiet barranin", għandhom jidħlu l-kliem "ma universitajiet barranin jew ma msieħba ta' reputazzjoni internazzjonali".